**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 66**

**Data:** **25 ta' April 2024**

**Hin:** **09.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

66.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji;

66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

66.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

66.5 Korrispondenza u Rapporti;

66.6 Progetti u Xogholijiet;

66.7 Data tal-Ftuh Ufficjali tac-Centru Civiku;

66.8 Sejha ghall-Ufficjal fi Skala 10;

66.9 Skeda ta' Pagamenti;

66.10 Materji ohra;

66.11 Tmiem tal-laqgha.

**66.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji**

66.1.1 Il-Vici Sindku u Tonio Mifsud talbu li jigu skuzati. Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu skuzati.

**66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

66.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

66.3.1 Is-Sindku informa lill-memrbi li kien gie infurat li l-E.T. il-President ta' Malta kienet ser taghmel zjara ufficjali nhar is-Sibt 4 ta' Mejju b'Quddiesa gewwa s-Santwarju ta' Pinu. Il-Kunsill gie avvicinat sabiex ir-residenti u tfal jiltaqghu maghha. Is-Sindku ssugerixxa li ssir harga bit-train jew bit-tuk tuk fejn jigu mistiedna tfal u genituri sabiex jiltaqghu maghha u jattendu ghal quddiesa. Wara tista' ssir harga ghar-Ramla jew Marsalforn u dawn jinghaataw snack zghira. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

66.3.2 Is-Sindku ta' l-aggornament dwar il-progett tal-pool li qed isir fi Triq Tumas Cassar. Huwa spjega li l-konkos huwa lest u ser isiru l-parti tal-lift u tat-tarag. Is-Sindku qal li ghad baqa xogholijiet ta' finishing li jridu jsiru. Huwa qara l-lista ta' spejjez li hemm relatati ma' dan il-progett li s'issa huma stmati ghal €180,000. Gie spjegati minn skema tal-LESA, Dipartiment tal-Gvern Lokali u fondi mill-Kunsill innifsu. Il-hsieb huwa li l-progett jinfetah ghall-ahhar ta' Mejju jew f'Gunju peress li din il-legislazzjoni tkunu ghada l-istess sal-ahhar ta' Gunju. Il-Kunsill qabel li ghandhom jitkomplew ix-xogholjiet.

Is-Sindku qal li ghal dan il-progett irid jinstab isem u anke logo. Huwa qal li kien tkellem ma' Clive Rotin sabiex jiddisinja logo pero' dan ta' l-ahhar kien talbu l-isem qabel jibda' d-disinn. Saret diskussjoni dwar dak li jista' jsir u l-Kunsill qabel li galadarba jinstab isem dan jigi kkomunikat lill-kulhadd.

Is-Sindku qal li dan il-progett tal-pool ser ikollu bzonn ta' manager li jiehu hsieb il-bookings taz-zona kollha inkluz il-ground tal-futbol u ghandhom jingabu ukoll kwotazzjonijiet ghal sistema ta' CCTV Cameras. Is-Sindku qal li hemm skola tal-futbol li ghandhom rikonoxximent internazzjoni li jixtiequ jaghmlu proposta ghall-uzu tal-grawnd tal-futbol sabiex jigi utlizzat bhala skola tal-futbol. Joseph Mizzi qal li bhala team tal-Gharb dawn juzaw il-grawnd madwar tlett darbiet fil-gimgha bejn is-7pm u 8.30pm. Is-Sindku qal li ikun tajjeb li bhala booking ikun hemm qiehed li jiehu hsieb iz-zoni kollha. Huwa zied jghid li l-Kunsill qed diga ihallas il-flus ghall-management tal-ground u huwa importanti li tinsab soluzzjoni li tkun self-sufficient. Bhala grawnd dan huwa propjeta' tal-Kunsill u ghaldaqstant l-arrangament u ftehim li jsir ghandu bilfors ikun involut il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandha tigi diskussa din il-proposta' u tinghata l-possibilita' li topera.

66.3.3 Is-Sindku qal li l-Iskola Primarja ta' l-Gharb qeghdin jorganizzaw safra ta' gurnata ghal Sqallija. Bhala Kunsill kien gie mitlub jaghti l-assistenza tieghu. Is-Sindku ppropona li l-assistenza tal-Kunsill tkun fil-provista tat-transport mill-Gharb ghall-Ajruport u lura li dan jigi jiswa madwar €1200. Huwa qal li l-membri tal-Kunsill huma mistiedna li jattendu. Il-

Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu joffri s-servizz tat-transport u li jekk hemm xi Kunsilliera li jixtiequ li jattendu l-hlas ghandu jkun kopert mill-Kunsill.

66.3.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien gie avvicinat mis-Seminarju Minuri ta' Ghawdex sabiex jorganizza sports day gewwa l-grawnd tal-futbol u offrew ukoll li jhallsu ghal dan l-uzu. Il-Kunsill qabel li ghandhom juzaw il-grawnd pero' mhemmx bzonn li jhallsu ebda hlas.

66.3.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill gie avvicinat mill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex tigi organizza l-attivita' 'Pop in the City' fejn dawn jixtiequ li parti mill-attivitajiet li tinkludi fiha jkunu imtellghin gewwa l-Gharb u bil-partecipazzjoni tal-Kunsill ta' l-Gharb u l-Ghaqdiet tieghu. Huwa spjega li fiha din jiehdu sehem persuni minn diversi pajjizi fejn ikunu qeghdin f'kompetizzjoni ta' min jippartecipa ghal aktar attivitajiet li jkunu qed isiru apposta ghal 'Pop in the City'. Attivitajiet ser ikun hawn madwar 30 f'Ghawdex kollu fejn l-Gharb jista' joffri bhal Infiorata, Brilli, Newl ecc. Kull participant ikun iridu jiehu sehem 'hands on' fl-attivitajiet. Bhala infiorata din giet issugerita' li ssir fic-cittadella u mhux gewwa l-Gharb. Hemm attivitajiet ohra li jistghu jsiru li jinvolvu anke artisti. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti l-kontribut tieghu u jiehu sehem f'din l-inizjattiva.

## 66.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

66.4.1 Joseph Mizzi staqsa jekk ghal Jum l-Omm hux ser titqassam tifkira u rigal lill-ommijiet fejn is-Sindku qal li iva bhas-snin precendenti ipproponа li titqassam tifkira simili tas-soltu. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel unanimament.

66.4.2 Joseph Mizzi staqsa jekk ghaz-zmien tas-Sajf hux ser jigi organizzat Al Fresco u tinghalaq il-Pjazza bhas-sena ta' qabel. Is-Sindku qal li iva tista' tigi organizzata u rridu nahsbu ftit x'jista' jigi organizzat biex ikun hemm attendenza. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi organizzata aktar 'il quddiem.

## 66.5 Korrispondenza u Rapporti

66.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp mill-awtorita' ta' l-ippjanar:

PA/02115/24, PA/02136/24, PA/07487/23, PA/01295/24, PA/00217/24, PA/01073/24, PA/02249/24 u PA/02375/24.

66.5.2 Joseph Mizzi staqsa jekk il-parti li hemm quddiem zewg residenzi fi Triq Mongur tista' ssir bit-tarmak. Gie spjegat li fuq din il-parti hemm diskussjoni mall-awtorita' ta' l-Artijiet u ghaldaqstant ma tistax tintmess. Is-Sindku qal li ser jara fejn waslu d-diskusjonijiet u jara jekk jistax jipprocedi bix-xoghol. Il-Kunsill qabel unanimament.

66.5.3 Gie trattata rapport ta' evalwazzjoni fir-rigward ta' l-Automated toilets fejn is-Sindku qal li kien hemm offerta wahda biss. Huwa spjega li ta' Triq Trux ser issir Awtomatika kif ukoll dik ta' Ta' Pinu. Fil-latrina ta' Triq Trux gie spjegat li ser jitnehha kollox sabiex ikunu jistghu jsiru x-xogholijiet. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord.

66.5.4 Giet trattata korrispondenza minghand l-Ghaqda 31 ta' Mejju fir-rigward ta' talba ta' konferma dwar hajt fi Sqaq ta' Cini fl-Andar tal-Gerriska. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li din ghandha tigi diskussa fl-laqgha ohra.

**66.6 Progetti u Xogholijiet**

66.6.1 Il-progett tal-Pool fi Triq Tumas Cassar gie diskuss aktar 'il fuq waqt il-komunikat tas-Sindku.

66.6.2 Is-Sindku qal li bhalissa hemm offerta dwar il-feed-in-tariff minhabba l-progett tal-panelli li ghaliha l-Kunsill ser ikun qed japplika. Is-Sindku spejga li l-kamra fejn ser tkun qeghda tinkludi l-meters tal-pannelli hija lesta ukoll. Issa jonqos biss li jsir il-komunikazzjoni tal-pannelli mas-substation.

Miriam Borg staqsiet dwar Triq Tumas Cassar fejn is-Sindku qal li id-drenagg ser jinbidel u bil-probabilita' li jinbidel anke dak li ghaddej iktar 'l isfel peress li dan jidher li hemm xi *leakage*. Il-problema hija li dan ser ikun jiswa hafna flus u minhabba din ir-raguni ix-xogholijiet kienu waqfu. Is-Sindku innota ukoll li l-Kunsill ghandu s-servizzi kollha li hemm fi Triq Tumas Cassar imwahhlin ma' dan id-drenagg u ghaldaqast ikun ghaqli jekk il-Kunsill jara jekk ghandhix issir xi tip ta' garanzija biex jekk tinqala xi hsara waqt ix-xogholjiet ma jkunx hemm hsarat fil-propjeta' tal-Kunsill.

Gie diskuss ix-xoghol fuq Sqaq numru 3 f'Triq l-ISqof M. Molina. Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandu jitlessa mill-aktar fis possibli.

66.6.3 Fir-rigward tal-Progett M4.3 – toroq rurali s-Sindku qal li ser issir laqgha fuq il-post bejn il-kuntrattur u l-Perit biex jitkomplew ix-xogholijiet.

66.6.4 Is-Sindku ghamel referenza ghall-iskema tar-restawr tal-progetti taht il-Ministeru ghal Ghawdex fejn kif gie diskuss fil-laqgha precedenti li ssir applikazzjoni ghall-color scheme pero' l-Kunsill gie infurmat mill-Ministeru ghal Ghawdex li dan ma japplikax ghal din l-iskema. Regghet giet diskussa din il-materja fejn is-Sindku ssugerixxa li napplikaw bil-bdil tal-aperturi tal-entratura principali tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan is-suggeriment.

**66.7 Data tal-Ftuh Ufficjali tac-Centru Civiku**

66.7.1 Is-Sindku qal li bhala data hija mahsuba ghall-10 ta' Mejju u li din ghandha tkun filghodu pero' l-Kunsill ghadu qed jistenna konferma min-naha tas-Segretarjat ta' l-Onorevoli Alison Zerafa Civelli. Is-Sindku ssugerixxa li ghandha tigi avvicinata l-iskola primarja biex jippartecipaw f'dan il-ftuh u wara ghandha ssir anke drink zghir ta' l-okkazjoni. Il-Kunsill qabel li jekk tigi kkonfermata ssir f'din id-data.

**66.8 Sejha ghall-Ufficjal fi Skala 10**

66.8.1 Is-Sindku qal li din il-materja ma setghetx tigi diskussa peress li ma kienx hemm quorum u ghaldaqstant din ser tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

**66.9 Skeda ta' Pagamenti**

66.9.1 L-Iskeda tal-pagementi giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**66.10 Materji ohra**

66.10.1 Ma kienx hemm materji ohra.

**66.11 Tmiem tal-laqgha**

66.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 23 ta' Mejju 2024 at 09.00am.

66.11.2 Il-laqgha spiccat fil-9.40am.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv